MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004

Appell Kriminali Numru. 84/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Scerri**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Scerri (li tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ma' Christopher Spiteri) talli:

Fil-31 ta’ Jannar 2003, ghall-habta tal-11.30 ta’ filghodu, fin-Naxxar, ikkommetta serq ta’ ‘pay phone’ u flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm100.00 izda anqas minn Lm1,000.00, minn gol-fond bl-isem ‘Scott Supermarket’ li huwa sitwat fi Vjal il-21 ta’ Settembru n-

Naxxar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u l-valur u li sehh ghad-dannu ta’ Anthony Azzopardi;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi differenti, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti misruqin gew minn reati ta’ serq ikkwalifikat bil-mezz u l-valur;

Kif ukoll talli f’dawn il-Gzejjer nhar il-31 ta’ Jannar 2003, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma’ kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-tabib principali tal-Gvern skond id-dizpozizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma’ kienx bil-licenza jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifatturaha, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma’ kienx b’xi mod iehor bil-licenza mill-President ta’ Malta li jkollhu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tiegu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal artikoli 49, 50 u 289, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

U talli kiser il-provediment tal-‘probation’ Art. 5 u 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, b‘sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-9 ta’ Settembru 2002 u t-8 ta’ Ottubru 2002 rispettivament;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Marzu 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Scerri hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, salv dik ta' ricettazzjoni u l-aggravju tal-valur u kkundannatu ghal piena karcerarja ta’ tmintax-il xahar kif ukoll poggietu taht *probation* ghal perijodu ta' tliet snin taht il-harsien ta' ufficjal tal-*probation*;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Joseph Scerri minnu prezentat fl-1 ta’ April 2004 li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza billi tnaqqas sostanzjalment il-piena nflitta b'dik is-sentenza;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa limitat ghall-piena karcerarja nflitta mill-ewwel Qorti. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma applikatx *"discount"* ghall-ammissjoni bikrija tieghu, ma naqqsitx iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv u, fil-konfront tal-piena nflitta fuq min kien ko-imputat mieghu, il-piena nflitta fuqu kienet aktar severa.

Dwar l-ilment ta' l-appellant li huwa ma nghatax *"discount"* ghal ammissjoni bikrija, jissottometti li, a bazi ta' gurisprudenza kostanti, min jammetti ghandu *"a legitimate expectation"* li jinghata riduzzjoni fil-piena tieghu. Ighid li l-ammissjoni tieghu giet registrata f'cirkostanzi li jissoddisfaw il-kriterji enuncjati fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Emmanuel Testa"**[1]. Huwa ammetta mill-ewwel mal-Pulizija u minghajr tali ammissjoni l-Pulizija ma kienx ikollhom provi kontra z-zewg imputati[2]. Isostni wkoll li bin-nuqqas ta' applikazzjoni ta' *"discount"* ghal ammissjoni bikrija, intbaghat messagg negattiv fost il-prigunieri li ma

[1] Sentenza moghtija fis-17 ta' Lulju 2002.
[2] L-appellant u l-ko-imputat l-iehor Christopher Spiteri.

jiswa xejn li tammetti, anzi tista' tehel iktar kif fil-fatt sehh fir-rigward ta' l-appellant.

Din il-Qorti ma tistax ma tistqarrx li thossha mmeraviljata b'din l-ahhar sottomissjoni ta' l-appellant li tirrazenta d-disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti peress li huwa ovvju li l-"messagg negattiv" li forsi l-appellant stess ghogbu jwassal "fost il-prigunieri" huwa biss ir-rizultat ta' <u>interpretazzjoni zbaljata li huwa qieghed jaghti tas-sentenza minnu citata jew ta' qari inkompleta taghha</u>. Ghalhekk din il-Qorti se ticcita *in toto* l-paragrafu relattiv fis-sentenza **Il-Pulizija vs Emmanuel Testa** fejn giet ittrattata l-kwistjoni ta' ammissjoni bikrija:

"8. L-appellant jilmenta li l-ewwel qorti ma tatx konsiderazzjoni bizzejjed ghall-fatt li hu ammetta mill-ewwel, kemm mal-pulizija kif ukoll quddiem il-Qorti Inferjuri. Din il-Qorti tosserva qabel xejn li kif gie ritenut (minn din il-Qorti kolleggjalment komposta) fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri** (5 ta' Lulju, 2002) l-ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena. <u>Ir-regoli generali</u> li ghandhom <u>jiggwidaw</u> lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha tal-24 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi**, u dan b'referenza ghall-prassi fil-Qrati Inglizi. F'dik is-sentenza kienet saret referenza ghal bran mill-edizzjoni tal-1991 ta' **Blackstone's Criminal Practice** (Blackstone Press Limited). Din il-Qorti ser tirriproduci l-bran relevanti mill-edizzjoni tal-2001 ta' dan il-manwal, u dan peress li hija taqbel mal-principji espressi f'dana l-bran u qed taghmilhom taghha:

**Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate 'discount' has never been fixed. In** *Buffery(1992)* **14Cr. App. R. (S) 511 Lord Taylor CJ indicated that 'something in the order of one-third would very often be an appropriate discount', but much depends on the facts of the case and the**

**timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount** *(Hoult* **(1990) 12 Cr. App. R. (S) 180;** *Claydon* **(1993) 15 Cr. App. R. (5) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused** *(Wood* **[1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities** *(Guy* **[1992] 2 Cr. App. R. (5) 24). Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost** *(Morris* **(1988) 10 Cr. App. R. (5) 216;** *Landy* **(1995) 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage** *(Hollington* **(1985) 82 Cr. App. R. 281;** *Okee* **[1998] 2 Cr. App. R. (5)199). Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts** *(Williams* **(1990) 12 Cr. App. R. (5) 415. The leading case in this area is** *Costen* **(1989) 11 Cr. App. R. (5) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount might be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain. It was also established in** *Costen* **that the discount may be reduced where the accused pleads guilty to specimen counts. In** *Byrne* **[1997] 1 Cr. App. R. (5) 165 it was held that an offender who had absconded and remained at large for 19 months was not entitled to expect a discount for his guilty plea when he pleaded guilty after being re-arrested.**"

Dik is-sentenza ghalhekk kienet cara fl-esposizzjoni tal-principju li ammissjoni bikrija "mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena", u jiddependi hafna mic-cirkostanzi tal-kaz u minn kemm kienet bikrija l-ammissjoni (*"the timeliness of the plea"*). Fil-kaz ta' Emmanuel Testa jirrizulta mis-sentenza stess li l-imputat kien ammetta mill-ewwel mal-Pulizija u anke fil-Qorti. Fil-kaz in ezami huwa minnu li l-appellant ammetta mill-ewwel mal-Pulizija[3] wara li gie arrestat, izda meta tressaq il-Qorti fl-4 ta' Frar 2003, ghall-mistoqsija jekk iridx u xi jrid iwiegeb fuq l-akkuzi, huwa wiegeb (bhalma wiegeb ukoll min kien ko-imputat mieghu) <u>li ma kienx hati</u>. L-ammissjoni tieghu giet registrata fi stadju inoltrat tal-process kif ser jinghad aktar 'l isfel f'din is-sentenza.

Fis-17 ta' Frar 2003 bdew jinstemghu x-xhieda tal-prosekuzzjoni. Fis-27 ta' Frar 2003 giet diskussa l-kwistjoni tal-helsien mill-arrest bil-kondizzjoni li l-imputati jaghmlu programm residenzjali minhabba problema ta' abbuz tad-droga. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni komplew jinstemghu fis-seduti tal-11 ta' Marzu 2003, 25 ta' Marzu 2003 u 26 ta' Marzu 2003. Mill-verbali relattivi jirrizulta li Dr. Lynn Zahra (id-difensur ta' l-appellant) dehret fl-ahhar zewg seduti. Fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2003 il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex provi aktar u l-kawza thalliet ghall-provi tad-difiza ghall-1 ta' April 2003. Ghal din is-seduta dehret il-*probation officer* Marietta Lanzon li talbet li l-appellant (allura imputat) jigi invistat minn psikjatra. Wara li l-ewwel Qorti ghaddiet ghan-nomina ta' psikjatra, ivverbalizzat hekk:

"Il-Qorti innutat li kemm Dottor Lynn Zahra u Dottor Franco Debono li kienu jafu bis-seduta ma dehrux meta l-kawza kienet differita ghall-provi difiza.
Dan l-agir taghhom jammonta ghall-disprezz lejn l-awtorita` taghha."

3 Ara xiehda ta' l-Ispettur Michael Mallia *a fol.* 32 tal-process.

Ghalhekk il-kawza giet differita mill-gdid ghall-provi tad-difiza ghat-8 ta' April 2003. F'din id-data dehru l-imputati u Dottor Lynn Zahra biss u l-kawza regghet giet differita ghat-22 ta' April 2003 meta dehru l-imputati, l-ufficjal prosekutur u Dottor Lynn Zahra u xehed rapprezentant tal-ETC. Fit-28 ta' April 2003 dehru l-imputati u l-ufficjal prosekutur izda l-avukati difensuri ma dehrux. Fis-6 ta' Mejju 2003 dehru l-imputati u Dottor Franco Debono u xehed l-espert psikjatra. Fl-20 ta' Mejju 2003 dehru l-imputati u l-ufficjal prosekutur li nforma lill-Qorti li l-*probation officer* kienet imsiefra. Fis-26 ta' Mejju 2003 dehru l-imputati, Dottor Lynn Zahra u l-*probation officer* Marietta Lanzon. Fit-2 ta' Gunju 2003 dehru l-imputati u l-ufficjal prosekutur izda d-difensuri ma dehrux. Il-*probation officer* infurmat lill-Qorti li l-appellant kien ghamel kuntatt ma' l-agenzija SATU. Fis-17 ta' Gunju 2003 dehru biss l-appellant u d-difensur tieghu. Fit-22 ta' Lulju 2003 dehru l-imputati u l-ufficjal prosekutur, xehdet il-*probation officer* Marietta Lanzon, u gie revokat id-digriet ta' helsien mill-arrest fil-konfront ta' l-appellant. Id-difensuri mill-gdid ma dehrux. Fit-28 ta' Lulju 2003 ma deher hadd. Fit-13 ta' Awissu 2003 dehru l-imputati assistiti minn Dottor Franco Debono u Dottor Lynn Zahra u deher ukoll l-ufficjal prosekutur. Gie registrat dan il-verbal:

"F'dan l-istadju l-imputat Joseph Scerri jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha addebitati fil-konfront tieghu".

Din il-Qorti rriferiet ghall-*iter* tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti sakemm giet registrata l-ammissjoni ta' l-appellant sabiex turi li huwa kontro-sens li tilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tirriduci l-piena ghal ammissjoni "bikrija" meta l-ammissjoni saret <u>fit-tmintax-il seduta</u>, u saret sahansitra <u>wara</u> li l-prosekuzzjoni kienet diga` ddikjarat li ma kellhiex aktar provi. Il-fatt li f'seduta sussegwenti (dik tat-22 ta' Settembru 2003) deher mill-gdid ix-xhud tal-prosekuzzjoni Anthony Azzopardi biex jesibixxi dokument u l-ufficjal prosekutur l-Ispettur David Saliba ddikjara li l-prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi, u li fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2003 l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Michael Mallia ghal darb'ohra ddikjara li l-prosekuzzjoni

ma kellhiex aktar provi, ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-ammissjoni ta' l-appellant ma saritx tempestivament u saret biss wara li l-prosekuzzjoni kienet diga` ddikjarat li ma kellhiex aktar provi. Hawn il-Qorti tirreferi ukoll mill-gdid ghall-bran citat qabel minn **Blackstone's Criminal Practice** fejn intqal li:

**"the discount might be lost in any of the following circumstances: … (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence …."**

Ghaldaqstant dan l-ewwel ilment ta' l-appellant huwa ghal kollox infondat u huwa michud.

It-tieni ilment ta' l-appellant hu li l-ewwel Qorti ma naqqsitx il-perijodu ta' arrest preventiv. Fir-rikors ta' appell tieghu jirreferi ghall-"Att 8 tal-2002" - referenza ovvjament skorretta peress li l-Kodici Kriminali gie emendat bl-Att III ta' l-2002 u l-artikolu relevanti f'dan il-kaz huwa l-artikolu 22 ta' dak il-Kodici kif sostitwit bl-artikolu 8 ta' l-Att III ta' l-2002. Hawn ukoll l-appellant m'ghandux ragun fl-ilment tieghu peress li qieghed jaghti interpretazzjoni zbaljata ta' l-artikolu 22 il-gdid. Dan l-artikolu llum jipprovdi hekk:

**"Hlief fil-kaz ta' kundanna ta' prigunerija ghall-ghomor jew ta' prigunerija jew detenzjoni f'nuqqas tal-hlas ta' multa jew ammenda, kull zmien qabel id-dikjarazzjoni ta' htija u l-kundanna li tulu l-ikkundannat ikun inzamm fil-habs ghar-reat jew reati li tieghu jew taghhom huwa jkun gie hekk misjub hati u kkundannat, li ma jkunx zmien maghmul fil-habs f'esekuzzjoni ta' kundanna, jitqies bhala parti miz-zmien ta' prigunerija jew detenzjoni taht il-kundanna tieghu; izda jekk l-ikkundannat qabel kien suggett ghal ordni ta' *probation*, ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni jew ghal sentenza sospiza dwar dak ir-reat jew reati, kull zmien bhal dak qabel l-ghemil ta' dak l-ordni jew l-ghoti tas-sentenza sospiza m'ghandux jitqies ghall-finijiet ta' dan l-artikolu:**

**Izda meta xi zmien qabel id-dikjarazzjoni ta' htija kif imsemmi qabel ikun, bis-sahha ta' dan l-artikolu, gie meqjus bhala parti miz-zmien ta' prigunerija jew detenzjoni taht il-kundanna dwar dik id-dikjarazzjoni ta' htija, dak iz-zmien ma ghandux jitqies bhala parti miz-zmien ta' prigunerija jew detenzjoni taht xi kundanna ohra."**

Dan ifisser li llum mhuwiex mehtieg li l-Qorti tiddikjara hi jekk perijodu maghmul taht arrest preventiv ghandux jitnaqqas jew le sabiex dan jitnaqqas, izda huma l-awtoritajiet tal-habs li ghandhom jassiguraw li, purche` ma jezistux l-eskluzjonijet imsemmijin f'dan l-artikolu, jitnaqqas iz-zmien li l-hati jkun ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reat li dwaru jkun gie kkundannat[4]. Hekk fil-kaz in ezami huwa ovvju li z-zmien li l-appellant ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz ghandu jitnaqqas izda m'ghandux jitnaqqas kull zmien li seta' ghamel in konnessjoni mas-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Settembru 2002 u tat-8 ta' Ottubru 2002 li dwarhom kien inghata *probation* taht il-harsien ta' *probation officer* u li dwarhom gie ttrattat mill-gdid bis-sentenza appellata.

Ghalhekk anke dan l-ilment huwa respint izda l-Qorti se tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

L-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti kienet wisq severa fil-konfront tieghu meta paragunat mas-sentenza inflitta fuq min kien ko-imputat mieghu. Ighid li "l-ewwel Qorti setghet kienet aktar mitenti (*recte:* miti) fil-piena meta giet biex tuza d-diskrezzjoni taghha dwar ir-reat (*sic!*) ta' recidiva, biex ikun hemm ugwaljanza fis-sentenzjar ta' zewg imputati li wettqu r-reat flimkien u li kellhom ezatt l-istess akkuzi".

---

[4] L-artikolu 22 qabel kien jipprovdi hekk: *"Il-qorti, hi u tiffissa l-piena li tisthoqq, tista' tqis, fid-diskrezzjoni taghha, kull zmien li tulu l-akkuzat ikun inzamm f'kustodja, qabel ma nsab hati, minhabba r-reat jew reati li bih jew bihom huwa jkun akkuzat".*

Hawn ukoll l-appellant assolutament m'ghandux ragun. L-appellant gie originalment akkuzat flimkien ma' Christopher Spiteri b'serq aggravat, ricettazzjoni, pussess tad-droga eroina u li saru recidivi. L-appellant wahdu gie akkuzat bi ksur ta' *probation* moghti lilu b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta). Christopher Spiteri wahdu gie akkuzat li kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u bi ksur ta' *probation* moghti lilu wkoll mill-Qorti tal-Magistrati (Malta). Christopher Spiteri ma ammetta l-ebda akkuza dedotta kontra tieghu filwaqt li l-appellant, kif jirrizulta mill-verbal tat-13 ta' Awissu 2003, ammetta l-akkuzi kollha. Ghalkemm mill-verbal ma jirrizultax li saret xi rizerva dwar xi akkuza, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li tali ammissjoni kienet b'eccezzjoni ghall-akkuza ta' ricettazzjoni. In effetti normalment din l-akkuza tinghata mill-prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ghal dik tas-serq. Sussegwentement fl-istess sentenza meta l-ewwel Qorti rrikapitolat ta' liema akkuzi kienet qed issib l-imputati hatja, sahansitra anke ddikjarat li ma kinitx qed issib lill-appellant hati ta' l-aggravju tal-valur fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni (dik ta' serq aggravat). Dan ifisser li l-appellant gie misjub hati ta' serq aggravat bil-mezz, ta' pussess ta' droga, talli sar recidiv u ta' ksur tal-kondizzjonijiet tal-*probation* moghti lilu skond zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta). Mill-banda l-ohra Christopher Spiteri nstab hati ta' serq semplici, ta' pussess tad-droga eroina u talli sar recidiv; dwar is-sentenzi sospizi saret dikjarazzjoni mill-ufficjal prosekutur li dawn kienu diga` gew rezi operattivi b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) filwaqt li dwar l-akkuza li kiser il-kondizzjonjiet tal-*probation* moghti lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) gie lliberat peress li ma gietx esibita s-sentenza relattiva u wisq inqas ma tressaq l-ebda xhud ta' identita` dwar tali sentenza.

Minn dan kollu jirrizulta li ma jistax l-appellant jippretendi "ugwaljanza" ta' pieni meta l-akkuzi li dwarhom instab hati mhumiex "ugwali" ghal dawk li dwarhom instab hati Christopher Spiteri. U galadarba l-appellant iddecieda li jammetti l-akkuzi dedotti kontra tieghu, l-ewwel Qorti kellha necessarjament tiddeciedi dwar il-htija ta' l-

appellant a bazi ta' dik l-ammissjoni. U jigi ribadit li nonostante l-ammissjoni inkondizzjonata ta' l-appellant, l-ewwel Qorti xorta ddikjaratu mhux hati ta' ricettazzjoni u ta' l-aggravju tal-valur.

Meta jigu kkunsidrati l-pieni applikabbli ghar-reati li dwarhom l-appellant instab hati, jirrizulta li dwar ir-reat ta' serq aggravat bil-mezz il-piena applikabbli hija ta' prigunerija ghal zmien minn hames xhur sa tliet snin, filwaqt li l-piena ghar-reat ta' pussess ta' droga l-piena hi ta' prigunerija ghal perijodu ta' mhux anqas minn tliet xhur izda mhux aktar minn tnax-il xahar jew ghal *multa* ta' mhux anqas minn mitejn liri Maltin izda mhux aktar minn elf liri Maltin jew ghal tali prigunerija u *multa* flimkien. In vista ta' l-addebitu tar-recidiva l-piena tista' tizdied bi grad wiehed. Barra minn hekk l-appellant instab hati wkoll ghal ksur tal-kondizzjonijiet tal-*probation* b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li t-tnejn kienu jirrigwardaw pussess ta' droga, u li ghalihom ukoll huma applikabbli l-pieni appena msemmija. Ghaldaqstant m'hemm l-ebda dubju li, anke bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali, il-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-ligi u ma ssib l-ebda gustifikazzjoni biex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fil-piena minnha hekk inflitta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata minnufih lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------